**IKLIN**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU 68 – IT-TNEJN 9 TA' MEJJU 2011**

Il-Kunsill iltaqgħa fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Sur Anthony Dalli | Sindku |
| | Sija. Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sija. Margaret Zammit | Kunsillier |
| | Sur Nazzareno Cauchi | Kunsillier |
| | Sur Carmel Caruana | Kunsillier |
| | Sur Alfred Naudi | Segretarju Eżekuttiv |

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI.

1.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru sebgħa u sittin (67) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

1.2 Il-Kunsill approva unanimament il-korrettezza tal-minuti u ġew iffirmati mis-Sindku Anthony Dalli u s-Segretarju Eżekuttiv Alfred Naudi bħala dokument korrett.

## 2. KORRISPONDENZA.

Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew inħarġet mill-uffiċċju bejn it-26 ta' April u d-9 ta' Mejju 2011.

2.1 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru.1079/11. Id-Ditta tal-Computer Courses MIFCS bagħtet informazzjoni lil-Kunsill Lokali dwar il-Courses bi ħlas li tagħmel matul is-sena.

2.2 Il-Kunsillier Ronnie Cauchi staqsa fuq il-korrispondenza Nru. 1110/11. Il-Perit tal-Kunsill kellem lill-kumpanija li għamlet il-kisi bit-tarmac ġo Triq Geronimo Abos biex issewwi l-"house-connection" ta' residenza li kissret waqt ix-xogħlijiet.

2.3 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 1109/11. Il-Kunsill Lokali ta' Ħal-Balzan kitbilna fejn qal li kien dispost li joħroġ il-parti tiegħu biex tiġi trasferita temporanjament il-Librerija tal-Iskola Primarja ta' Lija-Balzan- Iklin għal-University Residence jekk il-Kunsill tal-Iklin jagħżel l-istess.

2.4 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondneza Nru. 1112/11. Il-Perit tal-Kunsill talab lill-kuntrattur biex ikompli x-xogħlijiet tal-bankini li kien beda fi Triq Dun Karm.

2.5 Il-Kunsillier Carmel Caruana staqsa fuq il-korrispondenza Nru. 1114/11. L-Awditur tal-Gvern kien talab li jsiru xi emendi fuq il-Financial Statements ta' għeluq is-sena.

2.6 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 1171/11. Il-Kunsill Lokali fuq talba ta' resident kien kiteb lill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma fejn talab laqgħa dwar ħsarat li ġarrab l-istess resident minn ilma li kien qed inixxi fil-basement tiegħu.

Doc. A u B anness

## 3. ILMENTI.

3.1 Ġiet ippreżentata l-lista ta' ilmenti bejn is-26 ta' April u d-9 ta' Mejju 2011, kif tidher annessa bħala dokument C.

3.2 Rigward ilmenti fuq bozoz Nru. 26/04-1 (Triq Mons P.P. Saydon – W052); 143225 (Triq iż-Żebbuġa – L107, L108, L109); 02/05-1 (Sqaq Ħwawar – bozza); 143419 (Triq Geronimo Abos – L084) u 07/05-3 (Triq il-Klin – W032) dawn ġew irrapurtati minnufih.

3.3 Rigward talba Nru. 26/04-2 biex isiru l-linji sofor kemm mal-ġenb kif ukoll faċċata tad-drive-in tar-residenza "Amadis" fi Triq Anton Buttigieg. Il-Kunsill sejjer jinvestiga dan il-kaz.

3.4 Rigward ilment Nru. 142950 dwar tappiera tad-drenaġg li qed tisfronda bejn Triq Stefano Erardi u Triq Ċensu Bugeja. Il-Kunsill diġa bagħat rapport lill-W.S.C.

3.5 Rigward ilment Nru. 142951 dwar irwejjaħ ta' drenaġg fi Triq Ġwann Mamo speċjalment fl-inħawi ta' residenza 43. Wara li l-Kunsill bagħat rapport, tal-W.S.C. marru fuq il-post u jidher li l-problema issolvit.

3.6 Rigward ilment Nru. 29/04-1 biex titnaddaf l-għalqa li hemm fi Triq San Mikiel peress li hemm ħafna imbarazz. Il-Kunsill Lokali sejjer jikteb lid-Dipartiment tal-Artijiet għaliex din taqa' taħthom.

3.7 Rigward ilment Nru. 03/05-1 li fi Triq San Mikiel hemm vann abjad mingħajr "no. plate". Il-Kunsill sejjer jikteb lill-Pulizija biex jieħdu passi.

3.8 Rigward ilment Nru 143386 dwar tappiera tad-drenaġġ fi Triq Naxxar, bejn ir-roundabout u ċ-Cimiterju ta' Ħal-Lija li dejjem tħabbat. Il-Kunsill bagħat rapport lil-W.S.C. biex jieħdu passi.

3.9 Rigward ilment Nru. 06/015-1 li xi resident minn Triq Ċensu Bugeja ħareġ xi pajpijiet barra fuq il-bankina. Biex il-Kunsiil jitlob lil din il-persuna tneħħihom.

3.10 Rigward talba mingħand resident ta' Triq Gharghur biex isirulu "d-double-yellow lines" quddiem id-drive-way tiegħu għaliex ma' jkunx jista' jidħol fil-garaxx. Il-Kunsill sejjer jinvsetiga din it-talba.

3.11 Rigward ilment Nru. 07/05-1 li fi Triq San Mikiel hemm ħafna vetturi goffi u high-up għal-kiri ipparkjati mal-ħajt tas-sejjieħ. Biex isir xi ħaġa. Il-Kunsill diġa kiteb lill-Pulizija fuqhom, iżda sejjer jerġa jibgħat "reminder".

3.12 Rigward ilment Nru. 07/05-2 li fi Triq Prinjol hemm ħafna ħofor. Il-Kunsill sejjer jieħu passi.

## 4. ĦLAS TA' KONTIJIET U NFIQ IEĦOR.

4.1 Is-Segretarju ressaq lista ta' kredituri kif tidher annessa f'dokument immarkat D.

4.2 Is-Sindku Anthony Dalli 'mbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa w ssekondah il-Kunsillier Ronnie Cauchi. Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat.

4.3 Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Anthony Dalli u l-Kunsilliera Ronnie Cauchi, Margaret Zammit u Carmel Caruana.

## 5. MATERJI KONNESSI MA' L-AWTORITA' TA' L-IPPJANAR.

5.1 l-Kunsillier Margaret Zammit għaddiet it-tagħrif dwar il-kontenut ta' l-applikazzjonijiet jew deċiżjonijiet li ttieħdu fl-Awtorita' ta' l-Ippjanar mill-aħħar laqgħa tal-kunsill.

5.2 Dwar PA 04377/09. Fiorentina, Triq in-Namur. Alterazzjonijiet u żidiet fil-Villa eżistenti. L-applikazzjoni ġiet rifjutata.

5.3 Dwar PA 00282/10. Hal Mann Car Wash, Triq San Mikiel c/w Triq Naxxar. Modernizzar tal-Car Wash, installazzjoni ta' P.V. panels, reservoir taħt l-art, tabella, u bdil tal-klassi minn IV għal V1. L-appllikazzjoni kienet rifjutata.

5.4 Dwar PA 04966/10. "So Galerie" Triq Dun Karm c/w Triq Geronimo Abos. Biex jiġu approvati t-tabella, id-dwal, u tibdil fid-disinn tal-gallerija, u żieda ta' tabelli għal-ħanut approvat Klassi 4. (PA 4046/09). Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi rifjutata.

5.5 Dwar PA 02169/10. 30. Amiga, Triq Richard Taylor. Biex tiġi approvata l-istess pjanta li kellu is-sid ta' qabel. Biex isir tibdil ġewwa fl-ewwel sular, bini tat-tieni sular u taraġ għal-bejt. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi rifjutata.

5.6 Dwar PA 03331/09. Car-Park eżistenti fi Triq San Mikiel. Bini ta' faċilitajiet addizzjonali għall-parkeġġ fuq l-art eżistenti. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi rifjutata.

## 6. KUMNIKAZZJONI MIS-SINDKU.

6.1. Is-Sindku Anthony Dalli beda biex qara talba li kellu l-Kunsill Lokali mingħand il-Kulleġġ Santa Tereża fejn sejjer jorganizza l-maratona "ĠestFEST" fl-Iskola Primarija ta' Ħal-Lija bejn l-20 u t-22 ta' Mejju. Il-Prinċipal kien qed jitlob kull xorta ta' għajnuna bħal mobile toilets, festuni tad-dawl, skips, dustbins u oħrajn.
KIen hemm qbil unanimu li l-Kunsill ma' jinsabx f'pożizzjoni li jagħti aktar għajnuna.

6.2 Il-Lija/ Iklin Football Youth Nursery kitbulna li sejrin għal darb'oħra jorganizzaw l-Annual Presentation Nights bil-kolloborazzjoni tal-Kunsill Lokali Iklin. Season 2010/11.

Is-Segretarju talab l-għajnuna tal-Kunsill kif għamel fil-passat.
Hawnhekk is-Sur Dalli qal li bħal m'għamilna kull sena, nerġgħu nisponsorjaw it-Trophies tas-Serata. Kulħadd qabel mal-proposta.

6.3 Is-Sindku Anthony Dalli għadda xi tagħrif kif ġej:
a. Kien qed jipproponi li nibdew niġbru fondi għal-Community Chest Fund minn issa billi nagħmlu reċipjent fil-Kunsill fejn kullħadd jista' jagħmel id-donazzjoni tiegħu. Kulħadd qabel ma' din il-proposta.
b.Ħabbar li l-Kappillan sejjer jorganizza Ikla fl-Imnarija fuq iz-zuntier tal-Knisja. Hu kellu proposta biex jinġiebu l-Vintage Cars" waqt din is-serata. Is-Sur Dalli minflok ippropona li din issir fi Triq Anton Buttigieg bil-kolloborazzjoini ta' Kunsill Lokali fejn aħna nipprovdu id-dawl, mobile toilets etc. Il-proposta ġiet milqugħa tajjeb mill-Kunsilliera.

6.4 Rigward it-Tender tal-Ħitan tas-Sejjieħ, sfortunatament ħadd ma tefgħu meta dan għalaq fil-5 ta' Mejju fl-4.00pm Wara li s-Segretarju kellu laqgħa mal-Paying Agency it-Tnejn filgħodu d-9 ta' Mejju, huma qalu li ma' jsibu l-ebda oġġezzjoni biex jerġa jinħareġ it-Tender.
Għaldaqstant ittieħdet deċizjoni biex dan jerġa jinħareġ malajr kemm jista' jkun. Kulħadd qabel.

6.5 Is-Sur Dalli tkellem dwar il-proġett ta' Patri Marjanu Vella, fondi li ġibna milll-Mepa taħt il-fondi "Urban Improvement Fund" Hu talab lis-Segretarju biex jagħmel appuntament mal-Kuntrattur it-Tnejn 16 ta' Mejju biex niddiskutu dan il-proġett

6.6 Is-Sur Dalli irrefera għal-Courses li konna bdejna l-Courses tal-Pilates u Aerobics dan l-aħħar, għandhom isiru courses oħra bħalhom wara s-sajf biex jieħu sehem min ma laħaqx applika. Għandna wkoll inkellmu lid-Diparrtiment tal-Edukazzjoni jekk għandhomx courses simili.

6.7 Is-Sur Dalli xtaq isemmi l-Ħarġa għal Għawdex għal Jum L-Omm u qal li kienet verament suċċess,"il-Buffet" kien eċċellenti u n-nies ħadu gost.

## 7. AĠĠORNAMENT.

7.1 Is-Segretarju għamel referenza għal-email li bagħtet l-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali dwar il-"Group Health Insurance Policy" li kien waslet biex tagħlaq.

Hu talab lill-Kunsilliera jikkonfermaw jekk iridux iġeddu għal-sena oħra. Il-Viċi-Sindku Yvonne Bartolo, il-Kunsilliera Margaret Zammit, Ronnie Cauchi u Carmel Caruana ukoll ikkonfermaw.
Għaldaqstant is-Segretarju sejjer jieħu ħsieb iġġedded l-iskema għal sena oħra.

7.2 Qabel ma' spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 23 ta' Mejju 2011 fil-5.30pm.

7.3 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt il-laqgħa tal-Kunsill ta' nhar it-Tnejn 23 ta' Mejju 2011 fil-5.30pm.

7.4 Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-6.30pm.

.

**Anthon Dalli**
Sindku

**Alfred Naudi**
Segretarju Eżekuttiv